**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 125/2018*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**-vs-**

**Munir Mohamed Ali Gammudi, detentur tal-permess ta' residenza Maltija numru 133089A**

**Illum**: 8 ta' Lulju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Munir Mohamed Ali Gammudi** u cioe` talli:

> Nhar it-tmintax (18) ta' Frar 2018, għall-ħabta ta' filgħaxija (23:00hrs), f'San Ġiljan, bil-ħsieb li joqtol lil Micaela Attard jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni, u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, u dan bi ksur tal-Artikli 211 u 41 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkommetta serq ta' handbag għad detriment ta' Micaela Attard, liema serq hu kwalifikat bil-'vjolenza', bil-'ħin', u bil-'valur' li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu

(€2,329.37), u dan bi ksur tal-Artikoli 261 (a) (ċ) (f), 262 (1) (b), 267, 270, 276, 280 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi filwaqt li qed jagħmel reat kellu fuq il-persuna tiegħu strument li jaqta' u bil-ponta, u dan bi skur tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba tittratta lil Munir Mohamed Ali Gammudi bħala reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, minn sentenzi mogħtija lilu nhar it-12 ta' Novembru, 2015 mill-Maġistrat Dr. A. Vella LL.D., u nhar it-08 ta' Marzu, 2016 mill-Maġistrat Dr. J. Mifsud LL.D., liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni favur Micaela Attard u Monica Maria Ann Agius ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

a. Fl-Artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 261(a)(ċ)(f), 262(1)(b), 267, 270, 276, 280, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikolu 8 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikoli 383, 384, 385, 412Ċ u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

Illi mill-**Current Incident Report** jirrizulta li fit-18 ta' Frar, 2018, l-pulizija giet nfurmata li zewgt tfajliet gew misruqa minn persuna barranija li kien qed jigi mizmum minn *bouncers* li kienu fil-qrib. Micaela Attard rrapurtat

[1] Fol.230

li fil-hin li kienet ma sehbitha Monica Agius jitkellmu, ghaddew zewgt barranin u talbuha sigarett. Monica tathom wiehed u f'dak il-hin wiehed minn dawn l-irgiet qabad ic-cinga tal-*handbag* ta' Micaela u ghamilha sikkina ma ghonqha. Hi griet ghal warajh u *bouncers* tal-club Playground waqfu lill-wiehed minn dawn l-irgiel, l-imputat. Dan ittiehed l-ghassa ta' San Giljan fejn fil-hin li fuqu bdiet issir tfittxija kisser hgiega b'rasu.[2] Sussegwentement ittiehed l-Isptar Monte Carmeli minn fejn harab l-ghada izda inqabad ftit wara.[3]

Illi l-**Ispettur Matthew Spagnol** xehed kif l-imputat kien gie arrestat wara li sar rapport ta' *mugging* fi Triq il-Qasam ta' San Gorg, meta ghamel mus ma ghonq tfajla, serqilha l-*handbag* u harab jigri. Inqabad minn *securities* tal-istabbiliment Playground. Waqt li kien arrestat beda jhabbat rasu mal-hitan u jghajjat tant li ttiehed Mount Carmel. Minn hemm harab izda inqabad xi 30 minuta wara. Fuqu instab mus.[4] Fil-hin li kien detenut il-*lock up* anke pprova jitghallaq. Semma kif Attard qaltlu li kien hemm mument fejn wara li bdiet tigri wara l-imputat dan rega' dar lura ghal fuqha u pprova jniffidha diversi drabi bil-mus izda sehbitha gibditha lura. L-imputat rega' harab u dawn bdew iwerzqu u jghajjtu tant li semmawhom is-*securities* tal-stabbiliment Playground u zammewh sakemm wasslu l-pulizija.[5]

Illi ttiehdet stqarrija[6] tal-imputat fejn dan cahad li kien hu li seraq il-basket u ghamel sikkina ma ghonq Attard. Stqarr li l-mus li nstab fuqu kien ta' certu Khalifa u ma ftakar xejn mill-incident ghax jghid li qala' daqqa ta' hadida. Jghid li kien Khalifa li qabad jigri u hu gera' warajh. Ghalkemm qabel qal li ma kellux mobile, instab fuqu mobile izda spjega li wara li harab mill-sptar, sab habib tieghu li tahulu biex ikun jista' jbieghu *"biex niklu minnu."*[7] L-istqarrija giet kkonfermata minn **PC941 Ryan Agius**.[8]

Illi **Micaela Attard** xehdet kif kienet ma habiba taghha Monica jistennew lil shabhom hiergin minn stabbiliment tad-divertiment, meta f'hin minnhom *"ghaddew zewgt irgiel. Il-habiba tieghi dak il-hin harget sigarett mill-*

---

[2] Vide wkoll Current Incident Report, **Dok.MS4** a fol. 41 et seq.
[3] Fol.6
[4] Fol.24
[5] Fol.25-26
[6] Fol.9-11
[7] Fol.11
[8] Fol.114

*pakett tas-sigaretti taghha u kien ghadu f' idejha l-pakett tas-sigaretti. Meta ghaddew zewgt irgiel u wiehed minnhom staqsiena ghal sigarett. U l-pakett kien f' idejha tas-sigaretti u tathom tnejn. Ghax kienu tnejn. Kienu zewgt irgiel. Ippruvajt ma' nharisx, kont qed inhares lejn il-habiba tieghi dak il-hin, fuq in-naha tal-lemin. Kienet qieghdha fuq in-naha tal-lemin. Meta f' daqqa u l-hin just harist in-naha l-ohra. Meta nhares in-naha l-ohra ndawwar wicci lejn in-naha l-ohra, nhoss xi haga taqta ma' ghonqi, …. In-naha tax-xellug. Hekk hu. U mbghad indunajt infatti li huwa mus mill-handle minn taht il-ghajn. Bdejt narah li huwa mus u bdejt inhoss ix-xafra qieghdha m' ghonqi. Dak il-hin thossok qisek ser tidhol any hin, u niftakar li beda jghajjat bil-lingwa tieghu. ….. Meta habiba tieghi dak il-hin sakemm qed nistennew harget pakett tas-sigaretti …. Tathom zewg sigaretti u just f' hin minnhom, jiena hsibthom li telqu. F' hin minnhom indawwar wicci u nhoss xi haga taqta fuq in-naha tax-xellug."*[9] **Attard identifikat il-mus esebit mill-ufficjal prosekutur[10] bhala l-mus li kienet qed tirreferi ghalih u li tqieghed ma ghonqa.** Ikkonfermat li ix-xafra inzammet ma ghonqa u li l-imputat f'dak l-istess hin beda jghajjat bil-lingwa tieghu.[11] Tkompli *"U mbghad harist l isfel u meta mbghad dak il-hin, hu qabad idejh l-ohra u waqt li halla l-mus m' ghonqi, u mbghad beda jigbed mic-cinga tal-handbag. Beda jigbed, jigbed, waqt li l-mus zammu m' ghonqi, bix xafra m' ghonqi. Baqa jigbed u mbghad jiena dak il-hin stajt gbidt ftit imma hallejtu jiehdu hux. U telqu jigru hu u r-ragel l-iehor li kellu mieghu. Telqu jigru sew. Jigifieri ahna konna bit-tkaken dak il-hin, pero bdejna nhossuna responsabbli li ha jwegga lil xi hadd iehor. Il-mus kien ghadu l-barra, ….. Kien ghadu miftuh. Ezatt, in fatti ahna bdejna naraw ir-rotta li ha jiehdu huma u ahna morna u hadna l-istess rotta".*[12] Ix-xhud imbghad izzid dettal li ma kienx issemma *a tempo vergine* meta sar r-rapport inizzjali: *"U qbadna dik ir-rotta, meta huma kienu qatughna sew, meta dan f' daqqa u l-hin iddecieda li jdur lura, dar lura fuqi, bil-mus miftuh u hemmhekk ikkonfermajt li kien ghadu miftuh u beda jaghtini daqqiet fl-istonku."* Fuq domanda tal-Qorti tinsisti *"Il-persuna li hadli l-handbag eventwalment kellu l-mus ghadu ppuntat u din id-darba pprova jniffidni. Beda jtini daqqiet tas-sikkina, mhux wahda jew tnejn, hekk, konsekutivament. …fl-istonku"*. Kien grazzi ghal-*coat* kbir li kienet libsa li ma grala xejn.[13] Spjegat ukoll kif bl-ghajjat taghhom *securities* li kienu barra stabbiliment rnexxilhom jaqbdu lill-imputat u zammewh sakemm

[9] Fol.44-46.
[10] **Dok.MS**
[11] Fol.46
[12] Fol.47
[13] Fol.48-49

wasslu l-pulizija. Fil-*handbag* kien hemm zewg mobiles u wallet li b'kollox kienu jiswew madwar €2,000.[14]

In kontro-ezami tghid li bejn minn meta serqilha l-handbag sa meta rega' dar ghal fuqha biex jipprova jniffidha ghaddew xi ghaxar minuti.[15] Fil-hin li beda jtiha bil-mus habibitha kienet warajha u skond Micaela din ratu jaghtiha daqqiet bis-sikkina u bdiet taghajjat *"ghax bdiet tibza li vera qatilni. Bdiet tibza li vera messni"……… jiena bdejt nismaghha tghajjat: "Ommi ma, ommi ma.""*.[16] Tkompli tispjega il-post fejn kienet meta gie jtiha daqqiet bil-mus *"Konna ghadna ma' gejniex fil-vizjoni ta' hemm fuq, ta' fejn il-Westin. Konna ghadna fit-telgha. Ftit metri l-boghod. Ha nghidlek, dan rega gie japprowcjani. Jigifieri jiena kont ghadni lura. Jiena kont ghadni lura bil-giri. Hu kien qataghni sew. pero' gie lura u konna ghadna fit-telgha ta' Triq il-Qasam."*.[17] Anke wara dan l-episjodu komplew jigru warajh u jallarmaw in-nies li kellu arma f'idejh.[18]

Wara li sar rapport l-ghassa – fejn kif inghad it-tieni episodju dwar l-allegat *stabbing* qatt ma ssemma' – Attard marret ghand Monica li kienet tghix vicin.[19] Wara ltaqaw ma hbieb ohra *"biex nghidulhom x'gara"*.[20] Jirrizulta li wara regghu marru jiehdu *drink* Playground fejn kienu baqaw jistennewhom shabhom; [21] ghamlu xi siegha hemm.[22] Riprodotta turi riluttanza kbira biex tesebixxi l-*coat*[23] izda sussegwentement dan gie esebit. Ma kien hemm l-ebda daqqiet fuqu w tattribwixxi dan il-fatt ghall-movimenti li bdiet taghmel biex tevita lill-imputat milli jolqotha.[24]

Illi **Monica Agius** spjegat kif kienet ma Micaela fi stabbiliment, iddejjqu u marret tbiddel fid-dar t'ommha biex wara jmorru post iehor. Wara marret tistenna *l-boyfriend* taghha hdejn l-EF. *"Sadanittant kont qed inpejjep sigarett u jigu zewg irgiel u staqsewni ghal sigarett. Jien kelli l-pakett f' ideja u tajthom. Wiehed minnhom staqsieni jekk ghandix boyfriend bl-Ingliz, u jiena*

---

[14] Fol.51
[15] Fol.53
[16] Fol.57-58
[17] Fol.60
[18] Fol.61
[19] Fol.65-66
[20] Fol.67
[21] Fol.72-73
[22] Fol.76
[23] Fol.152-153
[24] Fol.178; Ritratti esebiti f'**Dok.AA** a fol. 185 et seq.

*ghidtlu: "Iva, dalwaqt gej." U kif ghidt hekk,kif ghidt hekk l-iehor* ***hareg il-mus u ghamlu m' ghonq Micaela****. Jien qbadt nghajjat, hi qabdet tghajjat ukoll u gbitha. U hu sadanittant qed jigbdilha l-basket. U ghadu bil-mus u qed jimmambilja bil-lingwq Libjana. Qomna, jien bdejt naghti kaz lil iehor ma' jmurx iweggani l-iehor minn wara, imma m' ghamel xejn. U grejna bicca.* ***Kif grejna bicca, rega dar,****…. dak li staqsiena ghal sigarett kien qisu naqra ferhali u staqsieni jekk ghandix boyfriend. Ghidtlu: "Iva, daqt gej." U kif ghidt hekk, kollox in an instant,* ***qabad il-mus, dak, u tefghu m' ghonq Micaela.".*** Tiddentifika lill-imputat bhala dak li uza l-mus fuq Micaela. Izzid kif l-imputat kellu jitbaxxa biex pogga' l-mus ma ghonq Micaela,[25] liema mus gharrfitu bhala simili ghal dak esebit.[26] Wara li telqu u huma marru jigru ghal warajhom, l-imputat "*Rega dar, u mar multiple times [beda jaghmel jerking movements, stabbing fashion] Toward her stomach….. Huma kienu ga boghod, imma rega dar …Rega gie lura lejha …. Dar lura,* ***dar lejn Micaela, ghamel multiple movements bil-mus …Multiple movements ghal istonku taghha. …. Stajt nara sew.".***[27] Kif gie mrazzan mis-*securities* dawn tefawh mal-art u f'hin minnhom rat il-mus. Wiehed mis-*securities* gabar il-mus u kellu f'idejh anke l-*handbag* ta' Micaela.[28] Wara li marru l-ghassa regghu ltaqaw ma hbiebhom il-Playground ghax dawn ma kienux ghadhom jafu x'gara kif ukoll biex jirringrazzjaw lis-*securities*. Ghamlu xi 3 sighat hemmhekk.[29]

Illi l-**Probation Officer Charisse Boffa** xehdet kif l-imputat issofri minn hafna problem psikologici, ibghati minn *post traumatic stress disorder* u *personality disorder* fejn anke jammetti li hu aggressiv.[30] Kienu diversi ix-xhieda li ddeskrivew l-ghemil tal-imputat fil-hin li kien detenut l-Ghassa u dak li sehh fl-isptar Monte Carmeli.[31]

Illi **PS345 Mark Cremona** xehed li kien *duty patrol* f'Paceville u meta ssejjah fuq il-post sab zewg *bouncers* li spjegawlu x'gara. **Eleva l-mus**

---

[25] Fol.80-82

[26] Fol.83; **Dok. MS**

[27] Fol.84-87

[28] Fol.87

[29] Fol.88-89

[30] Fol.99

[31] **PS1024 Jeffrey Rizzo** a fol. 106 et seq; **PS1543 Oliver Cassar** a fol. 108 et seq; **PC703 John Mary Bugelli** a fol. 111 et seq; **WPC11 Zenia Azzopardi** a fol. 116 et seq u **PC322 Rosario Azzopardi** a fol.122; **Oswald Balzan** a fol. 134 et seq; **Joseph Camilleri** a fol.1559-160.

**minn fuq il-post.**[32] *A tempo vergine* Attard semmiet biss l-incident dwar il-mus li tpogga ma ghonqa u xejn dwar it-tentattiv tal-*stabbing*. Kellha *"qatgha qawwija"* fuqha.[33] Illi **PC759 Alan Mercieca** spjega kif kien xoghol Paceville u Attard marret fuqhom u qaltilhom li kien hemm bniedem li serqilha l-handbag u ghamel sikkina ma ghonqa. Bdiet tigri warajh u *bouncers* quddiem Playground irnexxilhom jaqbduh u jzommuh. L-imputat ittiehed l-ghassa ghalliktar investigazzjonijiet.[34] Lanqas ma PC759 ma semma l-allegat *stabbing.*

Illi **Mohammed Musbah On** xehed kif kien *security* fl-istabbiliment Playground meta sema ghajjat ta' mara u *"Jien kif rajt lil xi hadd jigri qbadtu u poggejtu fl-art."* Dak il-hin it-triq kienet vojta u minn dik il-persuna. Wiccu ma rahx ghax kien qed izommu minn wara u ftit wara gew il-pulizija.[35]

Illi **Hamza Elhadi S Essayed** spjega kif kien xoghol bhala *security* ma Musbah *"Ahna bdejna nisimghu tfajla tghajjat 'ghinuni, ghinuni' xi tfajla. Rajt li xi hadd jigri u ahna bdejna nsegwu lil dak il-persuna li kien qed jigri, imxejna warajh u ahna qbadna lil dak ir-ragel li kien qed jimxi u qbadnih u ahna kif waqqafna dak il-persuna li kien qed jigri, poggejnih mal-art u gie l-Pulizija u jien ergajt lura fil-post ta' xogholi security…… Dik it-triq hi triq twila, mela jien dik it-triq twila sfortunatament, jiena u Musbah konna flimkien u habta f'sabta smajna l-ghajjat u fil-hin mumemt li rajna lil dak ir-ragel jigri habta u sabta mort nigri wara dak ir-ragel li waqqafna….Fil-mument li rajt ir-ragel jigri sfortunatament mort nigri warajh u qbadnih u waqqafnih….Fil-bidu nett waslu xi tlett Pulizija fuq il-post tal-incident u wara ftit giet karozza tal-Pulizija wkoll….. Ahna waqqafna lil dak ir-ragel, zammejnih mal-art, kif gie l-Pulizija u wasal fuq il-post u gie l-Pulizija u ha l-kaz f'idejh".* [36]

---

32 Fol.101
33 Fol.102
34 Fol.104
35 Fol.132
36 Fol.148-149

Illi għalkemm **il-Qorti għandha d-dubbji tagħha dwar kemm huwa minnu li seħħ l-allegat tentattiv ta' *stabbing* deskritt minn Attard u Agius,** tenut kont li ma kien issemma' xejn dwar dan *a tempo vergine* meta wasslu l-pulizija fuq il-post u lanqas meta sussegwentement sar rapport l-għassa, magħdud mal-fatt li rejazzjoni ta' vittma ta' tentattiv ta' *stabbing* ma jkunx dak li wara l-aggressjoni tqatta' 3 sighat tixrob propju fil-post quddiem liema gie maqbud l-aggressur, **mhemmx dubbju li kien hemm serq bi vjolenza kif deskritt fit-tieni imputazzjoni**. Il-mus instab fuq l-imputat kif intqal; l-imputat kien qed jigri qabel it-tfajliet qabel ma gie mwaqqaf mis-*securities* u dan wara li dawn semgħu l-għajjat ta' tfajliet.

Fil-fatt id-dubbji riskontrati mill-Qorti jidhru li gew kondivizi mill-imgħallem Avukat Generali tenut kont li inizjalment f'dawn il-proceduri, l-imputat kien qiegħed jigi akkuzat bir-reat tat-tentattiv tal-omicidju, madanakollu fin-nota tar-rinviju tiegħu għal-gudizzju, l-Avukat Generali jindika illi mill-provi mismugħa f'dina il-kawza tista' tinstab ħtija fil-konfront tal-imputat għar-reat ta' serq bi vjolenza biss.

Illi fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali mhemmx dubbju li tirrizulta soddisfacentement ippruvata it-tieni imputazzjoni bil-valur ikun dak ravvizat bl-artikolu 279(a) tal-Kodici Kriminali.

Illi għalkemm tirrizulta wkoll ppruvata t-tielet l-imputazzjoni in kwantu l-imputat, filwaqt li kien qed jagħmel reat, kellu fuq il-persuna tiegħu arma, l-artikolu 8 tal-*Att dwar l-Armi* indikat fin-nota ta' rinviju għall-gudizzju ma jirreferix għal din l-imputazzjoni. Huwa l-artikolu 55 ta' dak l-Att li kellu jigi citat u għalhekk l-imputat qed jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

Illi gew esebiti sentenzi[37] fil-konfront tal-imputat minn fejn jirrizulta li fit-12 ta' Novembru, 2015, ingħata sentenza ta sentejn prigunerija li gew sospizi għal 4 snin, filwaqt li fit-8 ta' Marzu, 2016 filwaqt li giet reza operattiva l-imsemmija sentenza gie kkundannat għal 9 xhur habs ulterjuri. B'hekk l-addebitu tar-recidiva gie soddisfacentement ppruvat ukoll.

[37] **Dok.MS2** u **Dok.MS3** a fol.31-40

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qiset in-natura serja tar-reat li qed tinstab htija dwaru, tal-fedina penali inkwetanti tal-imputat li turi bic-cjar li l-imputat mhux estraneju ghad-dinja tas-serq fejn lanqas il-habs ma serva ta' deterrent u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz fosthom is-sahha mentali tieghu li jidher li tirrikjedi ntervent f'waqtu w immedjat biex jigi assigurat li l-imputat ma jkunx ta' periklu ghalih jew ghal terzi.

Mhemmx dubbju li l-imputat hu minaccja ghas-socjeta` daqs kemm hu ghalih innifsu.

Ghal dawn il-mottivi, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel u mit-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261(a)(ċ)(f), 262(1)(b), 267, 270, 276, 277(a), 279(a), 280(2) u 289 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ssibu hati tal-kumplament u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija.

Ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tordna **l-konfiska** tal-mus esebit bhala **Dok. MS**.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Micaela Attard u Monica Maria Ann Agius ghal zmien tlett (3) snin millum.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbgahat lil Kummissarju għall-Promozzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżordni Mentali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**